# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-20 ta' Jannar, 2016**

**Rikors Numru 758/15**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C 2833)**

**vs**

**Lincoln Said (K.I. numru 20988 (M)), u**
**Lara Camilleri (K.I. numru 271988 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-7 t'Awwissu, 2015, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi kkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimati permezz ta' kuntratt datat it-23 t'Ottubru, 2009, *in atti* tan-Nutar Dottor Robert Micallef, (ara foll 5);

1.2. Illi konsegwenza ta' l-istess, tinsab kreditrici tal-intimati fis-somma ta' mija u hamsa u tletin elf, erba` mija u wiehed u ghoxrin Ewro, (€135,421.00), bilanc minn somma akbar, *oltre* l-imghaxijiet dovuti mill-24 ta' Lulju, 2015, sad-data ta' l-effettiv pagament, (ara foll 15 *et sequitur*);

1.3. Illi fost l-ohrajn l-intimati ddesistew milli jhallsu l-pagamenti rateali minnhom dovuti a bazi tal-istess kuntratt fuq indikat;

1.4. Illi *nonostante* li interpellati biex ihallsu l-ammont minnhom dovut, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.5. Illi ghalhekk il-bank rikorrenti adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara u tiddeciedi li avveraw ruhhom xi wahda mill-grajjiet indikati fil-kuntratt fuq imsemmi, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel), partikolarment izda mhux esklussivament billi l-intimati:

1.5.1.i. Naqsu li jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti skont l-imsemmi kuntratt;

1.5.1.ii. Kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti;

1.5.1.iii. Hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-intimati li jeffettwaw negattivament il-possibilita` tal-hlas lura tad-debitu in dizamina lis-socjeta` rikorrenti;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimati *in solidum* biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €135,421.00 bilanc minn somma akbar, flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-24 ta' Lulju, 2015, sad-data tal-pagament effettiv;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti mis-socjeta` rikorrenti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimata Lara Camilleri datata t-28 ta' Settembru, 2015, li permezz taghha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

2.1. Illi l-ammont mitlub hu aktar minn dak pattwit;

2.2. Illi l-propjeta` mhix mibnija skont il-permessi;

2.3. Illi hemm procedura gudizzjarja pendenti rigwardanti l-kuntratt ta' kompravendita tal-proprjeta` in dizamina;

2.4. Illi s-socjeta` rikorrenti intrabtet li tikkalkola l-ammont ezatt dovut fid-data tat-talba;

2.5. Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha tillimita l-interessi skont il-ligi;

2.6. Salv risposti ulterjuri;

2.7. Bl-ispejjez;

3. Tirrileva li ghalkemm l-intimat Said gie debitament notifikat bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz relattiv, (ara foll 25), dan ghazel li ma jirrispondix ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

4. Tissottolinea li konsegwentement baqa` fi stat ta' kontumacja, (ara foll 40);

5. Semghet ix-xhieda prodotta;

6. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

7. Tissottolinea li ghalkemm l-intimat Said inghata l-opportunita` *ai termini* ta' l-artiklu 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu fir-rigward, halla t-terminu jghaddi inutilment;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi skont ix-xhieda prodotta jirrizulta sintetikament is-segwenti:

8.1. Illi permezz tal-kuntratti fuq riferiti s-socjeta` rikorrenti selfet l-ammont kospikwu hemm indikat lill-intimati biex dawn ikunu jistghu jixtru l-fond *"pent-house"* fi Triq Lorenzo (Wenzu) Gafa`, Hal-Qormi, (ara foll 10);

8.2. Illi l-intimati ma baqghux ihallsu r-rati minnhom pattwiti skont l-istess kuntratt;

8.3. Illi konsegwentement ghad ghandhom jaghtu l-ammont rikjamat mis-socjeta` rikorrenti, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.) aktar qabel), u dan, oltre l-interessi regolarment dovuti skont il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi tenut kont tas-suespost u tal-assjem tal-provi prodotti, l-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

9.1. Tiddikjara u tiddeciedi li avveraw ruhhom x'uhud mill-grajjiet indikati fil-kuntratt fuq imsemmi datat it-23 t'Ottubru, 2009;

9.2. Tikkundanna lill-intimati *in solidum* biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €135,421.00, bilanc minn somma akbar, flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-24 ta' Lulju, 2015, sad-data ta' l-effettiv pagament;

9.3. Bl-ispejjez kif dedotti mis-socjeta` rikorrenti kontra l-intimati *in solidum*.

.

____________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**